# 100 SENA MIT-TWAQQIF TAS-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM FIL-ĦAMRUN



**minn Vincent Lia**

## Il-Bidu

Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija Museum taf il-bidu tagħha fil-Ħamrun. Dun Ġorġ Preca, il-fundatur tal-MUSEUM, li kien joqgħod il-Ħamrun waqqaf din is-Soċjetà fis-sena 1907.

L-ewwel laqgħat, Dun Ġorġ, beda jagħmilhom fl-għalqa msejħa 'Ta' Luċtu' li kienet quddiem il-knisja ta' San Gejtanu. Hawnhekk Dun Ġorġ beda jipprepara biex iwaqqaf il-Museum permezz ta' laqgħat li kien jagħmel ma' xi żgħażagħ li kien ikun hemm f'din l-għalqa. Dan kien fl-1906. Fi Frar ta' l-1907, Dun Ġorġ beda jagħmel xi laqgħat fil-knisja ta' Santunuzzu. Iżda hawnhekk għalkemm aħjar mill-għalqa, xorta ma kienx il-post ideali u għalhekk Dun Ġorġ wera lil dawk iż-żgħażagħ li kellu x-xewqa li jsibu dar fejn setgħu jorganizzaw ruħhom aħjar.

## L-Ewwel Dar

Fi ftit jiem sabu dar ftit 'il bogħod mill-knisja ta' Santunnuzzu li kienet id-dar numru sitta jew kif kienu jsibuha dak iż-żmien 'In-Numru Sei' fi Triq Fra Diegu. Il-Ħamis, 7 ta' Marzu 1907, saret l-ewwel laqgħa f'din id-dar u għalhekk nistgħu ngħidu li f'din il-ġurnata fetħet l-ewwel dar tal-Museum jew kif sejħilhom Dun Ġorġ, l-ewwel Qasam.

## Djar Oħra

Peress li n-numru taż-żgħażagħ li kienu jattendu f'din id-dar kompla jikber sewwa, kellhom isibu dar oħra u għalhekk fl-1908, telqu id-dar 'Numru Sei' fi Triq Fra Diegu u sabu dar akbar li kienet Numru Tlieta fi Triq San Tumas.



*Id-dar fi Triq Fra Diegu il-Ħamrun li ġġib in-numru 'Sei', l-ewwel Qasam tal-MUSEUM*

Minn Triq San Tumas il-Museum mar f'dar kbira fi Triq Ħal Qormi, li qabel kienet isservi ta' fabbrika tas-sulfarini. Fil-fatt kienu jgħidulu "*il-Mużew tas-Suffarini*" jew "*il-Mużew il-Kbir*". Din id-dar kienet isservi bħala l-ewwel Dar Ġenerali tas-Soċjetà tal-Museum. Fiha bdew isiru minn Dun Ġorġ il-laqgħat Ġenerali għal membri kollha tal-M.U.S.E.U.M. Għall-ewwel dawn bdew isiru kull nhar ta' Ħadd iżda imbagħad wara ftit bdew isiru nhar ta' Erbgħa kif għadhom isiru sal-lum. Dan il-M.U.S.E.U.M. ħa l-isem ta' Qasam Numru Wieħed minħabba li fi ftit żmien kellhom jinfetħu oqsma oħra.

Wara ftit tas-snin bagħtuhom minn din id-dar ta' Triq Ħal Qormi, u għalhekk il-Qasan Numru Wieħed kellu jsib dar oħra, din id-darba ftit 'il bogħod, f'numru 32B jew 33 fi Triq il-Wiesgħa (illum Triq Dun Nerik Cordina Perez). Dun Ġorġ baqa' jlaqqa' s-soċi f'din id-dar sal-1920 meta s-sid ried din id-



*Il-Qasam Numru Wieħed fil-preżent fi Triq Kanonku Bonnici*

dar. B'hekk il-Qasam Numru Wieħed sab dar oħra fi Triq Atoċja magħrufa bħala 'il-palazz'. Hawn il-Qasam dam sal-1932 meta mar fid-dar numru 102 fi Triq Villambrosa fejn dam sas-sena 1980. Fl-1980 din id-dar bidet isservi ta' Museum tal-bniet u l-qasam Numru Wieħed mar f'dar ġdida fi Triq il-Kanonku Bonnici fejn għadu sal-lum.

## Il-Qasam Numru 2

L-ewwel dar għall-Qasam Numru Tnejn kienet id-dar numru 167 fi Triq San Gejtanu. Dan kien għall-ħabta tas-sena 1916. F'dan il-Qasam beda jsir tagħlim organizzat kif xtaqu Dun Ġorġ. Fil-fatt insibu li l-istil ta' din id-dar kien kif riedu Dun Ġorġ, jiġifieri b'kappella b'kurċifiss kbir fin-nofs u bi kwadri tal-Qaddisin protetturi tas-Soċjetà tal-Museum, u bi kmamar għat-tagħlim tad-Duttrina.

Dun Ġorġ innifsu kien igħaddi ħafna ħin f'din id-dar għax barra li kien imur biex igħallem, kien imur ukoll biex joqgħod jikteb xi wħud mill-kotba tiegħu. Il-Qasam Numru Tnejn baqa' f'din id-dar sa ftit qabel it-tieni gwerra dinjija (1939) għax sid il-post riedu lura. Għalhekk il-Qasam mar f'dar oħra f'numru 48 Triq Giovanni Barbara.



*Is-Superju Emanuel Bianco*

Waqt it-tieni gwerra dinjija ta' bejn l-1939 u l-1945, minħabba l-attakki mill-ajru ta' spiss, il-Qasam Numru 2 ma setax jiffunzjona b'mod normali. Id-dar ta' Barbara ittieħdet min-nies li ġew refuġjati min-naħat tal-Kottonera u għalhekk il-Qasam Numru Tnejn spiċċa bla dar.

B'hekk is-soċi tal-Qasam Numru Tnejn komplew jattendu fil-Qasam Numru Wieħed iżda kienu jgħallmu d-Duttrina fi tliet postijiet li kienu fil-Kappella l-qadima tad-Duluri fi Triq Farsons, fil-Knisja tal-Madonna tas-Samra u f'żewġt ikmamar fil-bini ta' l-isqof fi Blata l-Bajda.

Iżda s-soċi dejjem baqgħu jixtiequ li l-Qasam Numru Tnejn jkollu d-dar tiegħu għat-tagħlim. Bit-tħabrik tas-soċju Manwel Schembri, li kien fil-Qasam Numru Tnejn qabel il-gwerra, u tas-Superjur Emanuel Bianco, u tas-soċi tal-Qasam Numru Wieħed, fl-1964 inxtrat id-dar numru 58 fi Triq San Gejtanu. Fis-17 ta' Jannar 1965 il-Qasam Numru Tnejn reġa' fetaħ f'din id-dar fejn għadu sal-lum.



*Il-Qasam Numru Tnejn fi Triq San Gejtanu*

Dawn huma l-ġrajjiet prinċipali ta' kif il-Museum xtered u kiber fil-Ħamrun tul dawn il-100 sena. Tajjeb li ngħidu li l-Museum mill-Ħamrun xtered ma' Malta u Għawdex u anki f'sitt pajjiżi 'l barra minn Malta. Din is-sena rridu nirringrazzjaw lil Alla għat-twaqqif tal-Museum minn Dun Ġorġ Preca mitt sena ilu u għall-grazzja li f'din l-istess sena ċentinarja il-Knisja Universali għolliet lill-fundatur tagħna għall-glorja ta' l-altari u ssejjaħlu **San Ġorġ Preca**.